MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 145/2003

Il-Pulizija
(Spettur C. Pullicino)
Vs

Victor Parnis

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, li gew maghmula b’resoluzzjoni wahda w cioe’ f’San Gwann, fil-25 ta’ Frar, 2003 u fix-xhur ta’ qabel din id-data xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-elf lira Maltin, li gew mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Lulju, 2003, li biha wara li rat l-Artikoli 334, 261, 270, 279, 28A u 17 tal-Kap. 9 sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal ghaxar xhur prigunerija sospizi ghal sena w nofs.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-22 ta' Lulju, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputat appellat skond l-akkuza migjuba kontrih, thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghal ghaxar xhur prigunerija sospizi ghal sena w nofs, u minflok, tinfliggi l-piena ta' prigunerija skond il-ligi, anke jekk sospiza ghal perjodu skond kif tippreskrivi l-istess ligi.

Rat illi l-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe' li l-Ewwel Qorti ma setghetx timponi w tinfliggi l-periodu ta' prigunerija minnha nflitt , tenut kont tal-parametri tal-piena karcerarja stabiliti mil-ligi ghar-reat li dwaru l-appellat ammetta w instab hati .

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat ;

Illi kif tajjeb issotmetta l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu , l-appellat kien akkuzat u ammetta r-reat ta' ricetazzjoni ai termini tal-artikolu 334 (a) tal-Kodici Kriminali , liema artikolu jiddisponi li l-hati ta' dan id-delitt , jekk il-haga tkun gejja minn serq , bil-pieni tas-serq skond il-valur tal-haga. Illi fl-istqarrijiet tieghu (fols. 11 sa 17 ) l-appellat stqarr li kien jaf li l-oggetti li hu kien jircevi ghandu kienu gejjin minn serq.

Issa l-artikolu 279 (b) tal-Kodici Kriminali , ghall-serq kwalifikat bil-valur, meta dan jaqbez l-elf lira Maltin, jistabilixxi minimum ta' piena ta' prigunerija ghal tlettax il-

xahar . Illi l-Ewwel Qorti ma ccitat ebda ragunijiet specjali w straordinarji li skond l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali kienu jintitolawha li taghti piena izghar minn dik imsemmija fl-artikolu li jsemmi r-reat li tieghu l-akkuzat ikun instab hati .
Illi ghalhekk jidher car li l-inqas piena karcerarja li setghet tati l-Ewwel Qorti , sija esegwibbli minnufieh sija sospiza , kienet dik ta' tlittax il-xahar . Konsegwentement il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fix-xorta jew il-kobor taghha ma hix dik kontemplata fil-ligi ghar-reat li fuqu l-appellant gie misjub hati w dan jintitola lill-Avukat Generali li jinterponi appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti ghab-bazi tal-artikolu 413 (1) (b) (iii) tal-Kodici Kriminali .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputat appellat skond l-akkuza migjuba kontrieh u tirrevokaha f' dik il-parti fejn, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali , kkundannatu ghal ghaxar xhur prigunerija sospizi ghal sena u nofs u minnflok, bl-applikazzjoni tal-istess artikolu 28A tikkundannah ghall-prigunierija ghal zmien tlittax il-xahar sospizi ghal sena u nofs li jibdew jiddekorru mill-lum .

Il-Qorti spjegat bi kliem car l-import ta' dan il-provvediment lill-appellat u r-responsabbilta' tieghu taht l-artikolu 28B jekk hu jikkommetti ma tul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija w dana a tenur tal-artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------